**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10218 – GAUSELMANN/GREENTUBE/JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 145/13)

1. Fl-24 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Gauselmann AG ("Gauselmann"), il-Ġermanja;

— Greentube Internet Entertainment Solutions GmbH ("Greentube"), ikkontrollata minn Novomatic Group (it-tnejn: l-Awstrija);

— Impriża bi Sħab (joint venture, JV) inkorporata ġdida.

Gauselmann u Greentube jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture).

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Gauselmann: l-iżvilupp u l-bejgħ ta' magni tal-logħob tal-azzard, l-iżvilupp ta' logħob għal-logħob tal-azzard, il-logħob tal-azzard online u l-imħatri fuq l-isports kif ukoll l-operat ta' swali tal-logħob tal-azzard, attivi primarjament fil-Ġermanja u f'pajjiżi Ewropej oħra.

— Greentube: parti min-Novomatic Group, li jipprovdi logħob għal-logħob tal-azzard, soluzzjonijiet tal-logħob tal-azzard u servizzi relatati bħala fornitur ta' servizz sħiħ fis-segmenti kollha tal-industrija tal-logħob tal-azzard, attiv primarjament fl-Awstrija, attiv b'mod ġenerali f'75 pajjiż.

— l-intrapriża bi sħab (joint venture, JV) li għadha kif ġiet inkorporata: l-istabbiliment ta' pjattaforma għal-logħob tal-azzard online.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

Il-Każ M.10218 – Gauselmann/Greentube/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË